VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,422, 15 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 240 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-Finijiet tal-Artikolu 23

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-Finijiet tal-Artikolu 23, u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-Finijiet tal-Artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 364.12.

Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "iżda qabel l-1 ta' Jannar 2020," tiegħu, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iżda qabel il-15 ta' Ottubru 2019,"; u

(b) minnufih wara t-tieni proviso tiegħu, għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll għar-rigward ta' trasferimenti ta' proprjetà li jkunu saru fi jew wara d-9 ta' Ġunju 2020, sabiex jiġi determinat jekk il-proprjetà hijiex l-ewwel proprjetà immobbli akkwistata *inter vivos* minn dik il-persuna, l-akkwist preċedenti minn dik il-persuna ta' sehem indiviż ta' proprjetà immobbli li jirrappreżenta inqas minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-valur reali tas-sehem sħiħ tal-proprjetà msemmija, mhux se jiġu kkunsidrati, iżda dan il-proviso m'għandux japplika jekk dik il-persuna tkun ingħatat il-konċessjoni provduta taħt l-artikolu 32(4)(a) tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jew taħt dan l-artikolu:". Kap. 364.

Iżid artikolu ġdid mal-ordni prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 4 tal-ordni prinċipali, għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Eżenzjoni mit-taxxa għall-kuntratti li jsiru bejn id-9 ta' Ġunju 2020 u l-31 ta' Marzu 2021.

Kap. 364.

5. (1) Fil-każ ta' trasferiment *inter vivos* ta' proprjetà immobbli jew xi dritt reali fuqha li jsir fi jew wara id-9 ta' Ġunju 2020 iżda qabel l-1 ta' April 2021, it-taxxa li mod ieħor kienet tiġi mposta skont l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq l-ewwel erba' mitt elf euro (€400,000) tal-ammont jew tal-valur ta' dak li jingħata bil-ħlas tal-proprjetà trasferita jew tal-valur tal-proprjetà, liema jkun l-akbar, għandha tiġi mposta bir-rata ta' euro u ħamsin ċenteżmu (€1.50) fuq kull mitt euro (€100.00) jew parti minnha:

Iżda dan l-artikolu għandu japplika biss fejn il-kundizzjonijiet kollha segwenti jiġu sodisfatti:

(a) il-persuna li qed takkwista l-proprjetà ma teħtieġx permess għall-għanijiet tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti;

Kap. 246.

(b) l-avviż dwar l-att finali relattiv tal-imsemmi trasferiment jingħata lill-Kummissarju tat-Taxxi sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2021; u

(ċ) l-ebda konċessjoni ma tiġi mitluba taħt l-artikolu 32Ċ tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq l-istess trasferiment.

Kap. 364.

(2) Fil-każ ta' akkwist ta' sehem indiviż ta' proprjetà, il-konċessjoni għandha tapplika fuq bażi *pro rata* skont is-sehem tal-proprjetà li qed tiġi akkwistata.

(3) (a) fejn il-Kummissarju huwa tal-opinjoni li żewġ trasferimenti jew iżjed jiffurmaw parti minn "arranġament strutturat", jista' jordna, fi żmien ħames snin mid-data tal-aħħar wieħed minn dawk it-trasferimenti, li l-eżenzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu m'għandhiex tapplika għal dawk it-trasferimenti u f'dak il-każ it-taxxa għandha titħallas fuq kull wieħed minn dawn it-trasferimenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti mingħajr referenza għal dan l-artikolu;

Kap. 364.

(b) id-differenza bejn it-taxxa li għandha titħallas kif provdut fis-subartikolu (3)(a) u t-taxxa diġà mħallsa għandha titħallas sa mhux iktar tard minn tletin (30) ġurnata wara n-notifika ta' avviż lill-persuna li qed takkwista;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) persuna notifikata b'avviż magħmul taħt is-subartikolu (3)(a) għandu jkollha l-istess drittijiet ta' oġġezzjoni u appell skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti daqs li kieku l-avviż kien likwidazzjoni taħt l-artikolu 54 ta' dak l-Att;

Kap. 364.

(d) għall-iskop ta' dan l-artikolu, "arranġament strutturat" tfisser żewġ akkwisti jew aktar, ta' porzjonijiet tal-istess proprjetà, magħmulin mill-istess persuna f'perjodu ta' sitt xhur eżegwiti b'żewġ atti jew aktar, minflok b'att wieħed, għall-għan uniku jew prinċipali li jitkabbar il-benefiċċju tal-eżenzjoni li kienet tkun disponibbli ai termini ta' dan l-artikolu;

(e) għall-iskop tal-paragrafu (d), "porzjonijiet tal-istess proprjetà" tinkludi:

(i) biċċiet adjaċenti ta' art;

(ii) porzjonijiet ta' proprjetà sviluppata jew ta' proprjetà taħt kostruzzjoni li ma jkunux identifikabbli bħala unitajiet separati;

(iii) l-arja u l-proprjetà ta' taħtha;

(iv) porzjonijiet tal-arja fuq l-istess proprjetà;

(f) għall-iskop tal-paragrafu (d), akkwisti magħmulin minn korpi ta' persuni li huma direttament jew indirettament sa iktar minn ħamsin fil-mija (50%) ikkontrollati minn u proprjetà benefika tal-istess persuni, għandhom jiġu kkunsidrati bħala akkwisti magħmulin mill-istess persuna.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fid-9 ta' Ġunju 2020."